Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Ġunju 2023**
**(OR. en)**

**10075/23**

**CDR 89**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u ħames membri supplenti, proposti mir-Renju tal-Iżvezja, fil-Kumitat tar-Reġjuni |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/…**

**ta' …**

**li taħtar membru**
**u ħames membri supplenti,**
**proposti mir-Renju tal-Iżvezja,**
**fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Żvediż,

[1] ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157[1], li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Karin WANNGÅRD, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sa Linda ALLANSSON WESTER, is-Sa Suzanne FRANK, is-Sa Sara HEELGE VIKMÅNG u s-Sa Charlotte NORDSTRÖM saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sa Åsa ÅGREN WIKSTRÖM bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti s-siġġu ta' membru supplenti.

(6) Il-Gvern Żvediż ippropona lis-Sa Åsa ÅGREN WIKSTRÖM, rappreżentanta ta' korp reġjonali li għandha mandat elettorali, *Ledamot i regionfullmäktige, Region Västerbotten* (Kunsillier Reġjonali, Reġjun ta' Västerbotten), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandati attwali, li jintemmu fil-25 ta' Jannar 2025.

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

(7) Il-Gvern Żvediż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur William ELOFSSON, *Ledamot i kommunfullmäktige, Gävle kommun* (Kunsillier Muniċipali, Muniċipalità ta' Gävle), is-Sur Anders JOSEFSSON, *Ledamot i regionfullmäktige, Region Norrbotten* (Kunsillier Reġjonali, Reġjun ta' Norrbotten), is-Sa Elisabet LANN, *Ledamot i kommunfullmäktige, Göteborgs kommun* (Kunsillier Muniċipali, Muniċipalità ta' Gothenburg), is-Sur Michael ROSENBERG, *Ledamot i kommunfullmäktige, Helsingborgs kommun* (Kunsillier Muniċipali, Muniċipalità ta' Helsingborg), u s-Sa Anna-Karin SKATT, *Ledamot i regionfullmäktige, Västra Götalandsregionen* (Kunsillier Reġjonali, Reġjun ta' Västra Götaland),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

– Is-Sa Åsa ÅGREN WIKSTRÖM, *Ledamot i regionfullmäktige, Region Västerbotten* (Kunsillier Reġjonali, Reġjun ta' Västerbotten),

kif ukoll

(b) bħala membri supplenti:

– Is-Sur William ELOFSSON, *Ledamot i kommunfullmäktige, Gävle kommun* (Kunsillier Muniċipali, Muniċipalità ta' Gävle),

– Is-Sur Anders JOSEFSSON, *Ledamot i regionfullmäktige, Region Norrbotten* (Kunsillier Reġjonali, Reġjun ta' Norrbotten),

– Is-Sa Elisabet LANN, *Ledamot i kommunfullmäktige, Göteborgs kommun* (Kunsillier Muniċipali, Muniċipalità ta' Gothenburg),

– Is-Sur Michael ROSENBERG, *Ledamot i kommunfullmäktige, Helsingborgs kommun* (Kunsillier Muniċipali, Muniċipalità ta' Helsingborg),

– Is-Sa Anna-Karin SKATT, *Ledamot i regionfullmäktige, Västra Götalandsregionen* (Kunsillier Reġjonali, Reġjun ta' Västra Götaland).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---